MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2014

Numru. 316/2014

**PULIZIJA**
**SPETTUR ROBERT VELLA**

**VS**

**ANTOINE FALZON**

## Il-Qorti:

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Antoine Falzon, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 150379M.

## Akkuzat talli:

Nhar it-tmienja (8) ta` Jannar, 2014, ghal habta tat-tmienja ta` filghaxija (20:00hrs), gewwa l-Kazin tal-Partit Nazzjonalista li jinsab sitwat gewwa Triq il-Kbira, Rabat, Malta:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta` haddiehor f’periklu car, ikkaguna feriti ta` natura gravi fuq il-persuna ta` Kim Micallef permezz ta` arma rregolari u cioe` lasta ta` xkupa, liema feriti jistghu jikkagunaw debbulizza permanenti f’parti tal-ghamla tal-gisem jew mankament jew sfregu fil-wicc, fil-ghonq jew f’wahda mil-idejn tal-offiz, u dan skont ma ccertifika Dr. Ramon Scerri M. D. (Reg. No. 1986) mic-Centru tas-Sahha tal-Mosta;

2. Talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-kwiet u l-bon ordni pubblika b’ghajjat u glied;

3. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel ingurji u theddid lil Kim Micallef b’mod li hareg barra mil-limiti ta` provokazzjoni.

Il-Qorti giet gentilment mitluba, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna/i offizi u l-familjari taghhom, jew ghaz-zamma tal-ordni pubblika jew ghall-iskop tal-protezzjoni tal-persuna/i msemmija minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza` ta` vjolenza, tohrog ordni ta` protezzjoni kontra l-akkuzat skont l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta u f’kaz ta` htija, il-Qorti giet gentilment mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta` tal-persuna/i offizi ai termini tal-Artikoli 383, 384, 385 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 214, 215, 216, 338 (dd), 339 (e), 383, 384, 385 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

Wara li rat il-Fedina Penali netta tal-imputat.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti ghaddiet ghas-sentenza fuq l-ammissjoni bikrija tal-imputat.

Illi in ammissjoni volontarja u kkundizzjonata tal-imputat ghall-imputazzjonijiet lilu addebitati mill-prosekuzzjoni, ma jhallu ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief illi ssib lill-imputat hati fuq l-akkuzi li lilu gew addebitati.

Ghaldaqstant, dina l-Qorti tillibera lill-istess imputat bil-kundizzjoni li jaghmilx reat iehor fi zmien sena (1) mil-llum ai terminu tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------